MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-7 ta' Mejju, 2007

Numru. 33/2006

PULIZIJA
SPETTUR VICTOR AQUILINA
VS
BLASIO BUTTIGIEG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Blasio Buttigieg, ta’ 36 sena, imwieled Victoria Gozo, nhar it-22 t’April 1969, iben Joseph u Margaret nee’ Sultana, u joqghod Blokk 4, Flat 2, Triq il-Frieres, Kirkop, u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 11969(G), u akkuzat talli:

1. fis-7 ta’ Mejju 2005 ghal habta tas-2.00pm, waqt li kien f’dawn il-Gzejjer, cioe’ fi Triq il-Venerabbli Nazjo Falzon gewwa l-Bini tal-Gvern fi Blokk E, Birkirkara, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna ferita gravi fuq il-persuna ta’ Dorianne Attard, ID 53978(M), hekk kif iccertifikat Dr

Agnes Cachia Pickard, Reg. 9797, ta' l-Isptar San Luqa, liema ferita tista' tikkaguna debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem, jew tista' ggib difett f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew tista' ggib mankament jew sfregju fil-wicc, u dan ai termini tal-Artikolu 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Raymond Attard, ID 369279(M), hekk kif iccertifika Dr Malcolm Borg, Reg. 2632 ta' l-Isptar San Luqa, u dan ai termini tal-Artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija, minbarra l-piena applikabbli skond il-ligi, tapplika l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Dorianne Attard, ID 53978(M), u Raymond Attard, ID 369279(M).

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali (a fol 7) u tal-imputat (a fol 18) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat (a fol 16).

Semghet il-konferma ta' tali ammissjoni, wara li l-Qorti tat zmien ragjonevoli sabiex l-imputat jirripensa ruhu.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammissjoni tieghu, din il-Qorti ssib lill-imputat hati skond l-akkuza, u wara li rat l-Artikoli 216, 221 u 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah ghal tmintax-il xahar (18) prigunerija sospizi ghal tlett snin.

Din il-piena qed tinghata wara li l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatti speci kollha tal-kaz, inkluz il-fatt illi l-kwerelanta ma thossx li ghandha tigi protetta b'garanzija, l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-incident sfortunat li l-imputat kellu fil-mori ta' din il-kawza, li hallieh b'dizabilita' fizika ghal ghomru.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------